ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA

**Minuti 3**

**Laqgħa tal-Eżekuttiv Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 3**

**It-Tnejn, 11 ta' Diċembru 2017**

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ltaqgħet fl-Uffiċju Amministrattiv tagħha li jinsab fl-indirizz Bini Gvern Lokali, il-Marsa, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**Preżenti**:

Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru

**Assenti b' Apoloġija:**

Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Anthony Mifsud – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr.Isabella Testaferrata De Noto – Segretarja Eżekuttiva

## Minuti

Is-Sur Mario Fava ippresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5:30 ta' filgħaxija.

**3.1 Qari tal-ittra ta' apoloġiji**

3.1.1 Is-Segretarja Eżekuttiva ppreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Anthony Mifsud u Dr Samuel Azzopardi. Fuq proposta tal-President, is-Sur Fava li ġiet issekondata mis-Sur Fenech Adami, l-Eżekuttiv aċetta unanimament dawn l-apoloġiji.

**3.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

3.2.1 Fuq proposta tas-Sur Fenech Adami li ġiet issekondata mis-Sur Grech, l-Eżekuttiv approva unanimament il-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**3.3 Affarijiet relatati mal-Minuti**

3.3.1 Is-Sur Fava tkellem dwar l-organizazzjoni tal-Laqgħa tas-Sindki li kienet ser issir f'Għawdex nhar il-Ġimgħa, 15 u s-Sibt, 16 ta' Diċembru 2017.

3.3.2 Is-Sur Fava tkellem dwar il-laqgħa li kellu mas-Segretarju Permanenti tal-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u d-Direttur, dwar ir-raġunijiet għala l-Assoċjazzjoni ma setatx tħallas x-xogħlijiet li saru relatati mal-Presidenza u għalhekk il-flus ġew rifonduti lura lill-Ministeru.

3.3.3 Is-Sur Fenech Adami qal li ftit jiem ilu sar l-iffirmar għal fondi speċjali għar-Reġjuni. Huwa qal li waqt din il-laqgħa issemma fosthom li fir-riforma kien qed jiġi propost li l-President tar-Reġjun ikun fuq bażi full-time u ma kellux ikun jokkupa l-kariga ta' Sindku.

3.3.4 Is-Sur Fava qal li dokument bil proposti tal-AKL kienu inbagħtu lill-Gvern Lokali, kif ukoll li dawn il-proposti kienu ser jiġu diskussi fil-laqgħa li ser ssir f'Għawdex.

3.3.5 Is-Sur Fenech Adami talab sabiex l-AKL tingħata kopja tal-proposti tal-Gvern dwar ir-riforma tar-Reġjuni.

3.3.6 Is-Sur Aquilina semma li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi u l-Kunsill Lokali Naxxar rebħu l-premju Good Governance fl-Ewropa. Is-Sur Aquilina qal li l-Kunsill

għamel ħames Key Performance Indicators fil-Lokalita' tiegħu kif ukoll sar stħarriġ bejn ir-residenti dwar is-servizzi li qed joffri l-Kunsill Lokali.

**3.4 Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

3.4.1 Fuq proposta ta' Chev Farruġia li ġiet issekondata mis-Sur Grech, l-Eżekuttiv approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Novembru 2017 u 11 ta' Diċembru 2017 li kient tammonta għall-€13,673.52

**3.5 Komunikazzjoni mil-President**

3.5.1 Is-Sur Fava semma li kellhu laqgħa mas-Sur Andrew Azzopardi, mill-Universita' ta' Malta fejn stiednu lill-Assoċjazzjoni u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex flimkien mal-istudenti tal-Fakulta' jsiru case studies mal-Kunsilli Lokali. L-istudenti jlestu rapport li jiġi diskuss flimkien mal-Kunsill Lokali ikkonċernat. Is-Sur Azzopardi talab €300 biex jsir dan l-istudju. Is-Sur Fava qal li s-Sur Natalino Attard, id-Direttur Ġenerali, kien ippropona li jitħejja MOU biex titwaqqaf din il-kollaborazzjoni. Fuq proposta tas-Sur Fava li ġiet issekondata mir-Sur Fenech Adami, l-Eżekuttiv qabel unanimamnet li jsiru dawn il-case studies.

**3.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Assoċjazzjoni**

3.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li l-polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa għall-Kunsilliera u l-ħaddiema fil-Kunsilli Lokali kienet ser tiskadi. Fuq proposta tas-Sur Fava li ġiet issekondata minn Chev. Farrugia, l-Eżekuttiv qabel unanimament li jġedded din il-polza għal sena oħra.

3.6.2 Il-President qal li kien talab sabiex jiġi diskuss l-amministrazzjoni tal-AKL. Dan peress li kien ġibed l-attenzjoni dwar problemi li setgħa kien hemm bejn l-impjegati u għal fatt li ħareġ mandat lill-Assoċjazzjoni biex jinġabru dokumenti tal-proġett tal-EU, SCOW.

Huma għaddew biex semmew eżempji dwar dawn in-nuqqasijiet li saru min-naħa tas-Segretarja Eżekuttiva, fosthom;

- Ibbukjat is-sala tal-Assoċjazzjoni biex fiha jitella' seminar b' kirja ta' €30 bejn is-14:00 u 17:00 fil-ġurnata li ma kinitx ser tkun xogħol.

- L-attivitajiet kollha tal-EDIC ittellgħu fl-aħħar 4 xhur tas-sena. Għaldaqstant, din kienet waħda mir-raġunijiet biex l-Assoċjazzjoni ma terġax tkun magħżula biex tkun parti mill-proġett bejn 2018-2020. Dan ifisser li l-Assoċjazzjoni tilfet €42,000 fi tliet snin.
- 4 minn 6 Newsletters tal-proġett EDIC ħarġu kollha fl-aħħar 3 xhur tas-sena. Dan ifisser li matul is-sena ma kien sar kważi xejn.
- Ma kinitx preżenti waqt attivita' li ttellgħet ġewwa skola relatata mal-proġett tal-EDIC peress li kienet ġiet ippjanata fl-istess ġurnata li kienet taf li kellha tattendi kors.
- Il-korrispondenza li kienet tgħaddi lijlha ma kinitx tirispondijha fil-ħin.
- Ħafna mill-ħaddiema jew kuntratturi li b' xi mod għandhom x' jaqsmu mal-Assoċjazzjoni kollha rrimarkaw li jippreferu li jaħdmu ma' rappreżentanti oħra tal-Assoċjazzjoni.
- Tenders li infetħu f' April u Lulju ġew konklużi f' Diċembru.
- Kuntrat u pagament ta' impjegat tal-Assoċjazzjoni ħa minn Awissu sa Diċembru biex ġie konkluż.
- Kuntrat ta' EU Consultant dam ħmistax biex jiġi ffirmat.
- Proċess ta' kwotazzjoni għall-awditjar ta' proġetti tal-EU beda f' April u ġie konkluż f' Diċembru.
- Il-Website tal-Assoċjazzjoni ma kinietx qed tinżamm aġġornata kif mistenni skond l-prirekwiżiti ta' xi proġetti għalhekk il-website kellha tiġi aġġornata kif suppost dakinhar stess li kien qed issir l-awditjar fuq il-proġett minn uffiċċjali tal-EU.
- Il-website tal-Assoċjazzjoni kienet ijlha tiġi rrappurtata li ġiet hacked mill-bidu tas-sena 2017 u ma ħadietx l-inizjattiva li din tiġi rranġata. Kellu jkun il-President li ressaq it-talba biex din tittranġa mid-Dipartimet ta' IT tas-Segretarjat.
- Ma kinitx qed tinżamm sistema ta' invoicing, li dawn jiġu mħalsa fil-ħin u li jkun hemm bank statement u rċevuta annessa.
- Purchase Orders ma kienux qed jiġu ffirmati.
- L-Ispettur tal-Puluzija li għaddej b' xi investigazzjonijiet relatati ma' xi proġetti tal EU saħqet li wara diversi tentattivi biex ikollha kuntatt mas-Segretarja dan falla u kellha iġġib mandat biex din tikseb dokumenti li kienu għand l-Assoċjazzjoni u li s-Segretarja kienet iżomm imsakrin fl-uffiċju tagħha. Meta ġiet l-Ispettur, hija ma kinitx fuq il-post tax-xogħol u l-ewwel reazzjoni tagħha kienet biex ikisru l-ħġieġa jew jiżgassaw il-bieb. Dan fil-ħin meta suppost hi kellha tkun fuq il-post tax-xogħol.

- L-istaff kien qed jiġi intimidat
- Ma kelliex il-kapaċita' li tieħu responsabbilita' u ma kinitx kapaċi taħdem f' tim.
- Wara sena l-minuti tal-Laqgħa tas-Sindku u l-Plenarja kien għadhom lanqas huma mibdija u kellha tkun impjegata biex dawn jitlestew.
- Bidlet biljetti tal-ajru meta kienet ser issiefer fuq xogħol mingħajr ma żammet lil Assoċjazzjoni nfurmata x' kienet għamlet. Ovvjament l-Assoċjazzjoni kellha tħallas it-tariffa lil aġenzija tieħu biex isir dak il-bdil.
- Ma ħaditx inizjattiva biex torganizza u tippjana l-Laqgħa tas-Sindki.

Ic-Chev. Paul Farrugia talab lis-Segretarja Eżekuttiv biex tiġi skużata mill-Laqgħa u l-Laqgħa marret fl-istadju ta' kummitat. Meta reġgħet bdiet il-Laqgħa, is-Sur Aquilina ppropona li ssir laqgħa mal-impjegati. Is-Sur Fenech Adami ssekonda din il-proposta u l-Eżekuttiv qabel unanimament li s-Sur Aqulina u s-Sur Fenech Adami jagħmlu laqgħa mal-impjegati.

**4. Tmien tal-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

4.1 Il-Laqgħa spiċċat fis-7 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto

Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fir-raba' laqgħa tat-Tmien Leġislatura li saret il-Ħamis, 24 ta' Jannar 2018.

**Mario Fava**

**President**